

Brussell, 13 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13563/22
ADD 1

PECHE 398
DELECT 183

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Ottubru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 7280 final - ANNEX
Suġġett:	ANNEX tar-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku [...]

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 7280 final - ANNEX.

Mehmuż: C(2022) 7280 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.10.2022
C(2022) 7280 final

ANNEX

ANNEX

tar-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi biex
jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku**

[...]

ANNEX

Fl-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2019/1241, fil-Parti B, jżied il-punt 1.3 li ġej:

“1.3. Miżuri speċifiċi għas-sajd demersali meta s-sajd dirett għall-bakkaljaw huwa pprojbit

1.3.1. B’deroga mill-punt 1.1. u mill-ewwel entrata tat-tabella fil-punt 1.2., ħlief għan-nota 1 f’qiegħ il-paġna, il-miżuri speċifiċi li ġejjin għandhom japplikaw fis-subdiviżjonijiet tal-ICES 22-26 meta s-sajd dirett għall-bakkaljaw ikun ipprojbit u meta attivitajiet oħra tas-sajd ma jkunux ipprojbiti f’dawn is-subdiviżjonijiet:

1.3.1.1. Fis-subdiviżjonijiet tal-ICES 22 sa 26, il-bastimenti li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ għandhom jużaw:

(i) apparat ta’ selezzjoni “Roofless”^{*} flimkien mal-ispeċifikazzjonijiet tal-irkaptu stabbiliti fil-punt 1.1, kwalunkwe rkaptu ġdid li huwa approvat mill-Kummissjoni u li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 15(4) ta’ dan ir-Regolament, jew

(ii) manka T90 modifikata billi jżied id-daqs minimu tal-malji għal mill-inqas 125 mm u billi jiġu rinforzati ċ-ċmusi bil-ħbula tat-tqassir tal-manka (manka T90 modifikata), flimkien ma’ apparat ta’ selezzjoni “Roofless” jew,

(iii) manka b’malja kwadra magħmula minn żewġ pannelli bl-istess materjal tax-xibka bħat-tieqa tal-ħruġ tal-manka tat-tip Bacoma stabbilita fil-punt 1.1, u daqs minimu tal-malja ta’ mill-inqas 125 mm **, flimkien ma’ apparat ta’ selezzjoni “Roofless”.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-apparati ta’ selezzjoni stabbiliti hawn fuq huma pprovduti fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni 2022/XXX.

1.3.1.2. Minbarra l-konfigurazzjonijiet tal-irkaptu speċifikati fil-punt 1.3.1.1., fis-subdiviżjonijiet tal-ICES 24 sa 26, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jistgħu jużaw ukoll il-manka T90 modifikata msemmija fil-punt 1.3.1.1. (ii) mingħajr l-apparat ta’ selezzjoni “Roofless”.

1.3.2. Meta jużaw il-konfigurazzjonijiet tal-irkaptu msemmija fil-punt 1.3.1., il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jimlew paġna separata fil-ġurnal ta’ abbord tas-sajd stampat jew jirrapportaw il-qabdiet fil-ġurnal ta’ abbord tas-sajd elettroniku separatament mill-qabdiet li jkunu saru b’konfigurazzjonijiet oħra tal-irkaptu u għandhom jirreġistraw liema konfigurazzjoni tal-irkaptu tkun intużat.

1.3.3. Kull Stat Membru tal-bandiera għandu, kull sena sal-1 ta’ April, jibgħat lill-Kummissjoni d-*data* u l-informazzjoni xjentifika rilevanti, inklużi l-kwantitajiet ta’ bakkaljaw li jirriżultaw mis-sajd bil-konfigurazzjonijiet tal-irkaptu msemmija fil-punt 1.3.1. imqassma skont iż-żoni rilevanti. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) għandu jivvaluta d-*data* sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Awwissu ta’ kull sena rilevanti, mit-tielet sena tal-applikazzjoni ta’ dawn il-miżuri.

1.3.4. Mit-tielet sena tal-applikazzjoni ta’ dawn il-miżuri, il-Kummissjoni kull sena għandha tivvaluta jekk l-istruttura tat-tul tal-istokkijiet tal-bakkaljaw li potenzjalment tinbidel għandhiex impatt fuq l-effiċjenza tat-tnaqqis tal-qabdiet aċċessorji tal-irkapti alternattivi msemmija fil-punt 1.3.1.

^{*}Dan l-apparat huwa fetħa għall-ħruġ li tinsab fil-parti ta’ fuq ta’ sezzjoni tax-xibka b’erba’ pannelli (xibka li tippermetti s-selettività modulari (NEMOS)) ta’ kwalunkwe rkaptu ta’ referenza jew ta’ kwalunkwe rkaptu ġdid approvat mill-Kummissjoni u li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 15(4) ta’ dan ir-Regolament, li tagħti lill-bakkaljaw l-opportunità li jaħrab qabel ma jidħol fil-manka.

**Dan l-apparat jikkonsisti fi tliet taqsimiet: sezzjoni ta' malja kwadra prinċipali u żewġ ċrieki tax-xibka fuq quddiem u fuq wara rispettivament.